

Brussell, 20 ta' Settembru 2016
(OR. en)

12160/16
ADD 1 REV 3

EF 271
ECOFIN 791
DELECT 189

NOTA PUNT "I/A"

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
lil:	Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti/Kunsill
Nru dok. Cion:	C(2016) 3999 final
Suġġett:	REGOLAMENT DELEGAT TAL-KUMMISSJONI (UE) .../... tat-30.6.2016 li jissupplimenta r-Regolament (UE) Nru 1286/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar dokumenti bl-informazzjoni ewlenija għal prodotti aggregati ta' investiment għall-konsumaturi bbażati fuq l-assigurazzjoni (PRIIPs) billi jistabbilixxi standards tekniċi regolatorji fir-rigward tal-preżentazzjoni, il-kontenut, l-analiżi u r-reviżjoni tad-dokumenti bl-informazzjoni ewlenija u l-kundizzjonijiet għas-sodisfar tar-rekwiżit li jiġu pprovduti dawn id-dokumenti - Oġġezzjoni mill-Parlament Ewropew għall-att delegat = Dikjarazzjonijiet

Dikjarazzjoni mill-Ġermanja, ir-Renju Unit, Franza, l-Awstrija, il-Kroazja, l-Iżvezja, l-Irlanda, is-Slovenja, il-Litwanja, Ċipru, ir-Rumanija, il-Finlandja, id-Danimarka, il-Portugall, in-Netherlands, Malta, l-Estonja, l-Ungerija, il-Greċja, il-Belġju, il-Bulgarija, il-Latvja, ir-Repubblika Ċeka u s-Slovakkja

Aħna nappoġġaw b'mod sħiħ l-introduzzjoni fl-UE kollha ta' dokument bl-informazzjoni ewlenija għall-investituri fil-livell tal-konsumatur li għandu l-għan li jagħti informazzjoni ċara, preċiża u komparabbli lil dawn l-investituri dwar l-istrumenti kollha inklużi fl-ambitu tal-PRIIPs.

Nemmnu li huwa importanti li r-Regolament dwar il-PRIIPS jiġi applikat b'mod sħiħ u huwa essenzjali biex jintlaħqu l-ħtiġijiet taċ-ċittadini tal-UE ta' prodotti li bihom jistgħu jibnu t-tfaddil u l-investimenti, filwaqt li jikkontribwixxu wkoll għas-swieq effiċjenti tal-kapital li jgħinu fil-finanzjament tat-tkabbir ekonomiku tal-UE.

Anke fid-dawl tal-fatt li l-PE rrifjuta l-istandards tekniċi regolatorji tal-PRIIPS, -nitolbu lill applikazzjoni-data tal-Kummissjoni tikkunsidra li tipposponi biss id tar-Regolament dwar il-PRIIPS (għaldaqstant mingħajr ma ssir xi bidla fi kwalunkwe dispożizzjoni oħra tar-Regolament fil-livell 1). Fil-fehma tagħna, il-Kummissjoni għandha tipproponi posponiment tad-data tal-applikazzjoni bi 12-il xahar sabiex jingħata żmien biżżejjed biex jiġu ċċarati l-kwistjonijiet pendenti u jintlaħqu l-għanijiet tar-Regolament dwar il-PRIIPS.

Dikjarazzjoni mill-Kroazja

Il-Kroazja hija mħassba li l-aġġustament propost tal-iskala tar-riskju tas-suq u d-diverġenza proposta mill-iskala tal-UCITS fid-dokument bl-informazzjoni ewlenija (KID) jista' potenzjalment ikollhom konsegwenzi problematiċi fir-rigward tal-perċezzjoni tar-riskju fil-livell tal-konsumatur u l-proċessi ta' bejgħ tal-industrija. Aħna tal-fehma li jeħtieġ li tingħata aktar konsiderazzjoni b'attenzjoni kbira ħafna b'mod partikolari f'dan il-qasam. Għalhekk, ma nistgħux nappoġġaw l-istandards tekniċi regolatorji u lanqas l-att delegat sussegwenti fil-forma attwali tiegħu li fiha dawn id-dispożizzjonijiet.

Fil-qasam tal-assigurazzjoni, għandna wkoll tħassib rigward il-kontenut tal-istandards tekniċi regolatorji u l-metodoloġija użata għall-kalkolu, li ma jistgħux jiġu indirizzati permezz ta' linji gwida mhux vinkolanti fil-Livell III. Huwa importanti li jiġu enfasizzati b'mod aktar ċar żewġ aspetti: l-ispejjeż u r-riskji għall-konsumaturi. Barra minn hekk, inqisu li hemm bżonn li jiġi ċċarat li l-prodotti ta' investiment ibbażati fuq l-assigurazzjoni jinkludu kopertura tal-assigurazzjoni għall-investituri, u l-KID ma għandux ikun qarrieqi jew kumpless iżżejjed għall-konsumaturi, speċjalment fir-rigward tad-daqs tiegħu.

Apparti dan, qed jiġi ssuġġerit li l-ispejjeż f'dak li jirrigwarda l-Primjum tar-Riskju Bijometriku jiġu ppreżentati bħala spejjeż amministrattivi marbuta mal-forniment tal-kopertura tar-riskju bijometriku. Anke jekk l-impriżi jistgħu jisseparaw l-ispejjeż amministrattivi u l-primjum tar-riskju bijometriku għal xi tipi ta' prodotti, madankollu dan jista' jirriżulta f'dikjarazzjoni qarrieqa tal-prodott (eż., primjum ta' riskju varjabbli ta' kull xahar fuq is-somma abbażi tar-riskji).

Dikjarazzjoni mill-Italja

Nappoġġaw b'mod sħiħ l-introduzzjoni fl-UE kollha ta' dokument bl-informazzjoni ewlenija li għandu l-għan li jagħti informazzjoni ċara, preċiża u komparabbli lil dawn l-investituri dwar l-istrumenti kollha inklużi fil-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament dwar il-PRIIPs.

Filwaqt li nieħdu inkonsiderazzjoni kemm il-fatt li l-PE rrifjuta l-istandards tekniċi regolatorji, kif ukoll il-fehmiet espressi minn Stati Membri oħra dwar l-iskeda għall-implimentazzjoni tal-PRIIPs, nitolbu lill-Kummissjoni tikkunsidra li ttipposponi d-data ta' applikazzjoni tar-Regolament dwar il-PRIIPs għall-perijodu strettament neċessarju għall-koleġislaturi biex japprovaw l-istandards tekniċi regolatorji modifikati u mingħajr emendi fit-test fil-livell 1, u għall-industrija biex tħejji għall-implimentazzjoni tal-istandards il-ġodda. Fi kwalunkwe każ, il-posponiment m'għandux ikun ta' aktar minn sena.

Dikjarazzjoni mill-Ungerija

Kif iddikjarat fid-dikjarazzjoni magħmula minn 24 Stat Membru, l-Ungerija tappoġġa b'mod sħiħ l-introduzzjoni fl-UE kollha ta' dokument bl-informazzjoni ewlenija għall-investituri fil-livell tal-konsumatur, u jeħtieġ li tiġi posposta d-data ta' applikazzjoni tar-Regolament bi 12-il xahar sabiex jingħata biżżejjed żmien biex jiġu ċċarati l-kwistjonijiet pendenti fl-istandards tekniċi regolatorji u jintlaħqu l-għanijiet tar-Regolament dwar il-PRIIP.

Nixtiequ nenfasizzaw xi kwistjonijiet pendenti:

- fir-rigward ta' prodotti b'ħafna għażliet, l-istandards tekniċi regolatorji jikkontradixxu r-Regolament dwar il-PRIIPs, billi l-Artikoli minn 10 sa 14 jmorru lil hinn minn "*deskrizzjoni ġenerika tal-għażliet ta' investiment sottostanti u jiddikjara fejn u kif tista' tinstab dokumentazzjoni ta' informazzjoni prekuntrattwali aktar iddettaljata*";
- primjum tar-riskju bijometriku ma għandux jiġi ppreżentat fil-KID b'ħala spiża tal-investment;
- il-perijodu ta' parteċipazzjoni rakkomandat mhuwiex applikabbli/ma jinftiehemx/ma jistax jintuża f'każ ta' prodotti tal-assigurazzjoni, peress li dawn huma konklużi għal perijodi predeterminati. Barra minn hekk, iqajjem kwistjonijiet ta' responsabbiltà meta l-valur tal-investimenti jonqos/jaqa' qabel il-maturità tal-kuntratt;
- ir-reviżjoni tal-KID għandha tiġi ċċarata aktar sabiex jiġu evitati kwistjonijiet ta' responsabbiltà addizzjonali;
- it-test f'diversi partijiet mhuwiex ċar u jagħti lok għal interpretazzjonijiet differenti (eż. fil-punti 42 u 43 tal-Anness 2).

Nemmnu li dawn il-kwistjonijiet għandhom jiġu indirizzati sabiex jintlaħqu l-għanijiet tar-Regolament dwar il-PRIIPs. Għalhekk, nappellaw kemm lill-Kummissjoni kif ukoll lill-Awtoritajiet Superviżorji Ewropej biex jagħmlu kull sforz sabiex isolvu l-kwistjonijiet fl-istandards tekniċi regolatorji u jżidu l-protezzjoni tal-konsumaturi fl-UE.

Dikjarazzjoni mil-Lussemburgu

Il-Lussemburgu jappoġġa l-introduzzjoni fl-UE kollha ta' dokument bl-informazzjoni ewlenija għall-investituri fil-livell tal-konsumatur li għandu l-għan li jagħti informazzjoni ċara, preċiża u komparabbli lil dawn l-investituri.

Madankollu, il-Lussemburgu jibqa' mħasseb dwar l-elementi tal-istandards tekniċi regolatorji, inkluż id-dispożizzjonijiet dwar il-kalkolu tal-ispejjeż. Jeħtieġ li għadd ta' dispożizzjonijiet inklużi fl-istandards tekniċi regolatorji jiġu ċċarati u allinjati mat-test fil-livell 1.

Fid-dawl tal-fatt li l-PE rrifjuta l-istandards tekniċi regolatorji, jeħtieġ li jiġi kkunsidrat b'mod urġenti l-posponiment bi 12-il xahar tad-data ta' applikazzjoni tar-Regolament dwar il-PRIIPs (mingħajr ma jinbidlu dispożizzjonijiet oħra ta' dak ir-Regolament) sabiex jingħata biżżejjed żmien biex jiġu ċċarati l-kwistjonijiet pendenti u jiġi żgurat dħul fis-seħħ koordinat tad-dispożizzjonijiet tal-PRIIPs fil-livell 1 u l-livell 2.